

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tas-7 ta' Diċembru 2017 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Juzgado de Primera Instancia de Jerez de la Frontera – Spanja) – Banco Santander, SA vs Cristobalina Sánchez López

(Kawża C-598/15)⁽¹⁾

(Rinvju għal deċiżjoni preliminari — Direttiva 93/13/KEE — Kuntratti konklusi mal-konsumatur — Klawżoli ingħusti — Setgħat tal-qorti nazzjonali — Effettivitā tal-protezzjoni rikonoxxuta lill-konsumatur — Kuntratt ta' self ipotekarju — Proċedura ta' eżekuzzjoni extraġudizzjarja tal-garanzija ipotekarja — Proċedura ġudizzjarja ssemlifikata ta' rikonoxximent tad-drittijiet in rem tal-aġġudikatur

(2018/C 052/03)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Qorti tar-rinvju

Juzgado de Primera Instancia de Jerez de la Frontera

Partijiet fil-kawża princiċiali

Rikorrenti: Banco Santander, SA

Konvenut: Cristobalina Sánchez López

Dispożittiv

L-Artikolu 6(1) u l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE, tal-5 ta' April 1993, dwar klawżoli ingħusti f'kuntratti mal-konsumatur, ma jistgħux jiġi applikati għal proċedura bħal dik inkwijsjoni fil-kawża princiċiali, mibdija mill-aġġudikatur ta' beni immobblī wara eżekuzzjoni extraġudizzjarja tal-garanzija ipotekarja mogħtija fuq dan il-beni minn konsumatur għall-benefiċċju ta' kreditur bejjiegħ jew fornitur li għandu bħala għan il-protezzjoni tad-drittijiet in rem legalment akkwistati minn dan l-aġġudikatur, sa fejn, minn naħħa, din il-proċedura hija indipendenti mir-relazzjoni legali li torbot il-kreditur bejjiegħ jew fornitur mal-konsumatur u, min-naħa l-oħra, il-garanzija ipotekarja ġiet eżegwita, il-beni immobblī nbiegħ u d-drittijiet in rem marbutin magħha ġew trasferiti mingħajr ma l-konsumatur għamel użu mill-mezzi legali previsti f'dan il-kuntest.

⁽¹⁾ ĠU C 38, 1.2.2016.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) tal-14 ta' Diċembru 2017 – European Bicycle Manufacturers Association (EBMA) vs Giant (China) Co. Ltd, Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, Il-Kummissjoni Ewropea

(Kawża C-61/16 P)⁽¹⁾

(Appell — Dumping — Regolament (UE) Nru 502/2013 — Importazzjonijiet ta' roti li joriġinaw miċ-Ċina — Regolament (KE) Nru 1225/2009 — Artikolu 18(1) — Kooperazzjoni — Kunċett ta' "informazzjoni neċċessarja" — Artikolu 9(5) — Talba għal trattament individwali — Riskju ta' evitar)

(2018/C 052/04)

Lingwa tal-proċedura: l-Ingliż

Partijiet

Appellant: European Bicycle Manufacturers Association (EBMA) (rappreżentanti: L. Ruessmann, avocat, J. Beck, solicitor)

Partijiet oħra fil-proċedura: Giant (China) Co. Ltd (rappreżentant: P. De Baere, avocat), Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: H. Marcos Fraile, aġġent, assistita minn B. O'Connor, solicitor, u minn S. Gubel, avocat), Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J.-F. Brakeland, M. França u A. Demeneix, aġġenti)